MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 84

**4 ta' Settembru 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Mark George Abdilla – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti l-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

**84.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

84.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

84.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva żewġ ittri ta' apoloġiji minn żewġ kunsilliera li nqabdu xogħol, is-Sinjura Marie Claire Zammit u s-Sur Mark George Abdilla. L-apoloġiji ġew aċċettati b'mod unanimu.

**84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

84.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 83 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

84.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja, il-minuti tal-laqgħa numru 83 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**84.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

84.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fakkret illi l-Ġimgħa 7 ta' Settembru se ssir l-attivita' ta' l-istatwi li tibda fit-8pm ħdejn il-bażilika. Hi appellat biex kulħadd jattendi.

**84.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

84.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-madum ta' Triq Tommaso Dingli qiegħed jerġa' jiċċaqlaq, il-madum tan-nofs, u hemm bżonn jerġa' jitgħaqqad b'xi ramel u siment. Is-Sindku qalet li ktibna lil V&C għax dak responsabbli għalih hu.

84.4.2 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi semma li fi triq Anġlu Mallia kantuniera ma' Brared ħdejn l-iskola hemm problema u meta tibda x-xita l-ilma jaqleb quddiem residenza u ma' jmur ġo l-ebda *culvert*.

84.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi hemm bżonn jitnaddfu l-*culverts* u semma b'mod partikolari l-*culvert* kbir li jgħaqqad Rigu, Main Street u triq l-Imsida.

84.4.4 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi ħdejn l-iskola tac-*childcare* hemm bżonn jinbidlu xi ħinijiet tat-tabella ta' l-iskola. Is-Sindku qalet lis-Segretarju biex jieħu l-ilment u japplika TM għall-approvazzjoni.

84.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami semma' s-sigurta' fi Ġnien Stazzjon. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għalissa qabbadna *security* għal xahar, pero' għamilna talba għal persuni mill-*community work scheme* biex jaqdu l-funzjonijet ta' *security*. Dan bi spiża minima ta' xi 150euro kull xahar fuq kull ras.

**84.5 Skeda ġbir ta' skart u ġbir ta' ħwejjeġ bieb bieb**

84.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tal-Wasteserv ġew ikellmuna biex minn Ottubru, l-iskeda tal-ġbir ta' skart tagħna issir eżattament bħal dik ta' postijiet oħra, bl-unika bidla tkun li l-borża sewda flok tinġabar l-erbgħa ma' l-*organic*, tinġabar il-ħamis. Is-Segretarju qal ukoll li jekk nagħmlu dan it-tibdil il-*wasteserv* kienu se jħallsu għall-boroż organiċi kollha. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u se nikkomunikaw mal-Wasteserv biex isir il-kuntratt u pubbliċita' adegwata.

84.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm żewġ kumpaniji illi huma interessati illi jibdew jiġbru l-ħwejjeġ bieb bieb u anke f'kontenituri oħra. Huwa ssuġerixxa illi bħal ma nagħmlu bejn greenmt u greenpak, nitolbuhom l-aħjar offerta u niddiskutuha fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Kien hemm qbil nem. con.

**84.6 Restawr vagun tal-ferrovija – fond kapitali**

84.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-proġett tar-restawr tal-vagun tal-ferrovija jinsab lest u hu kien obbligat li qabel ma jibgħat lid-direttur tal-gvern lokali sabiex nieħdu l-fondi mwegħda, jgħaddi l-ispiża tal-proġett b'mod formali mill-Kunsill. Huwa qal illi kollox mexa skont l-ammonti maqbula fit-tender u kien se jgħaddi pagament ta' 49,591.51eur wara li l-proġett ġie ċertifikat mill-perit u tnaqqsu *retention money*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**84.7 *Bye-Law* Tlajjar**

84.7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi hemm bżonn illi nibdew naħsbu għal *bye law* simili għal dik li saret fil-Marsa u postjiet oħra biex jinqata' tlajjar u nies ma jagħmlu xejn fil-ġonna. Is-Segretarju se jkun qed imexxi l-proċess.

**84.8 Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart tas-sena**

84.8.1 Il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella ta rendikont għat-tieni kwart tas-sena.

84.8.2 Fit-tieni kwart tas-sena għalkemm kellna *surplus* ta' madwar 15,000euro, xorta nistgħu nikkunsidraw li qegħdin *borderline*. L-indikatur finanzjarju reġa' tjieb għal minus 23% imma ma tjiebx daqs kemm konna qed nipproġettaw.

84.8.3 Is-Sur Vella qal illi qed ikollna problemi ta' *cashflow* minħabba li ċerti flejjes jingħataw wara li tkun għalaqt ċerti proġetti.

84.8.4 Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena kien approvat b'mod unanimu.

**84.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti 63, u *Petty Cash***

84.9.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

84.9.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 63 kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-kunsiliera s-Sur Anthony Buttigieg u l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

**84.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

84.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 8 ta' Ottubru fis-6pm.

Konfermati, illum 8 ta' Ottubru 2018.

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv